MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 1662/2004

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Godfrey Gambin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz prezentat fl-ismijiet premessi fis-26 ta’ Awissu, 2004 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mitejn u erbatax-il lira u disgha u sittin centezmu (Lm214.69) ghal servizzi rezi in konnessjoni skond client contact number 11161, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta’ Gunju, 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv ghas-saldu.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni.

Semgha x-xhieda u kkonsidra x-xhieda moghtija mill-PL Peter Sammut fejn ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma kif mitluba ta’ mitejn u erbatax-il lira u disgha u sittin centezmu (Lm214.69) bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-istess konvenut u bl-ispejjez kollha kif rikjesti inluz dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Gunju, 2004 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat fil-26 t’Awissu, 2004 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------